

32005E0583

L 199/94

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

29.7.2005

**AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/583/PESK****tat-28 ta' Lulju 2005****li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Herzegovina**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Lulju 2004 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/569/PESK <sup>(1)</sup> dwar il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Herzegovina.
- (2) Abbażi ta' revizzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/569/PESK il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali għandu jiġi estiż għal 6 xhur oħra.
- (3) Ir-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea ser jimplementa l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sit-wazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tagħmel ħsara lill-għanijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

Il-mandat ta' Lord ASHDOWN bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) fil-Bosnja u Herzegovina, kif stabbilit fl-Azzjoni Konġunta 2004/569/PESK, huwa b'dan estiż sat-28 ta' Frar 2006.

*Artikolu 2*

L-Artikolu 6 (1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/569/PESK għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarju maħsub sabiex ikopri l-ispiża relatata mal-mandat ta' l-EUSR għandu jkun ta' EUR 270 000 €."

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, 28 ta' Lulju 2005.

Għall-Kunsill  
Il-President  
J. STRAW

(<sup>1</sup>) ĠU L 252, 28.7.2004, p. 7.